MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-24 ta' Lulju, 2008

Numru 145/2003

**IL-PULIZIJA**
**(SPETTUR KEVIN J FARRUGIA)**

**KONTRA**

**DOROTHY ANNE AQUILINA ta’ 27 sena, bint Alfred u Maria Alosia nee’ Grech, imwielda Tal-Pieta’ fis-6 ta’ Mejju, 1981, residenti fil-fond numru 33, Arcadville, Triq il-Ferrovija, Attard, detentrici tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 366181M**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra l-hawn fuq imsemmija Dorothy Anne Aquilina li giet akkuzata talli:

1. Nhar it-13 ta’ Gunju, 2002, ghall-habta ta’ 2.55pm, waqt li kienet fi Triq il-Ferrovija, Attard, bil-hsieb li ttellef jew tnaqqas il-gieh ta’ Dr Tonio Azzopardi LL.D. u martu Isabelle Azzopardi, weggaghthom bi kliem, b’gesti,

b’kitba, b’disinji, jew b’xi mod iehor billi akkuzathom f’hafna ghajjat mit-tieqa u fil-pubbliku;

2. U aktar talli fl-istess lok, jum u data, volontarjament hassret, ghamlet hsara, jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara teccedi l-hamsin lira Maltin (Lm50.00), izda mhux il-hames mitt lira Maltin (Lm500.00), konsistenti fi grif u taghfis b’oggettt iebes fuq wara tal-karozza Peugeot bin-numru tar-registrazzjoni AZZ 879 a detriment ta’ Dr Tonio Azzopardi LL.D., u dan bi ksur tal-Artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-akkuzata wiegbet li ma kinitx hatja ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra taghha;

Rat l-atti tal-kawza;

Rat ix-xhieda ta’ Dr Tonio Azzopardi ta’ nhar it-30 ta’ Mejju, 2008, fejn iddikkjara li hu kien qieghed jirtira l-kwerela tieghu u li kien sodisfatt bid-dikjarazzjoni bil-gurament ta’ Dorothy Anne Aquilina.

Per parentesi ghandu jinghad ukoll illi d-dikjarazzjoni li ghamel referenza ghaliha l-Avukat Dr Tonio Azzopardi LL.D. mhix xhieda ammissibbli, kif gia kienet iddikjarat il-Qorti.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti, wara l-ezami tax-xhieda u d-dokumenti prodotti, xhieda ferm skarsa, qiegheda tillibera lil Dorothy Anne Aquilina mill-akkuzi hekk kif dedotti kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------